**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 297/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Rodrick Muscat**
**(ID 436087(M))**

**Illum: 17 ta' Mejju 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Rodrick Muscat** ta' 23 sena, iben George u Maria Teresa nee` Gatt, imwieled il-Pieta` nhar is-27 ta' Settembru 1987, residenti Binja San Filippu, Flat 2, Triq Triq is-Sirena, Isla jew 51A, Flat 1, Sqaq Brittanniku, Ħal Tarxien, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 436087(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-13 ta` Settembru 2011:

a) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar

il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**.

U aktar talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-13 ta` Settmebru 2011 u fiż-żminijiet ta' qabel din id-data:

b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

c) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) Talli kkometta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija, liema sentenza ingħatat mil-Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D nhar it-12 ta' Mejju 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

e) Talli sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D nhar l-14 ta' Diċembru 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;[1]

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-provi prodotti, filwaqt illi minkejja illi fuq talba tad-difiża, ġie konċess lilha terminu ta' xahrejn sabiex tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet finali, din baqgħet ma ġietx ippreżentata.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta mill-atti proċesswali illi nhar it-13 ta' Settembru 2011, fuq informazzjoni li kien ser isir xi negozju ta' droga da parti ta' ċertu Michael Rizzo, u fuq skorta ta' mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront tal-istess Rizzo, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga segwew lil Rizzo ħiereġ mid-dar tiegħu ġewwa l-Fgura. Huma osservawh jirkeb f'vettura u jsuq lejn Triq San Tumas, u hemmhekk daħal f'daħla li kienet tagħti għal xi garaxxijiet. Il-pulizija niżlu mill-vettura tagħhom, u kif daħlu warajh raw lilu u lill-imputat Rodrick Muscat. Hekk kif ra lill-pulizija, dan tal-aħħar gidem borża, kontenenti trab kannella suspettat droga eroina, li kienet f'idejh, u remiha. Minn hemmhekk l-imputat ġie arrestat, saret tfittxija f'garaxx tal-imputat fl-istess post, fejn instab *mobile phone* Nokia u pakkett tar-Riżla, tfittxija oħra fir-residenza ta' omm l-imputat f'Ħal Tarxien, fejn ġie elevat *mobile phone* ieħor Nokia minn gwardarobba u tfittxija ġewwa d-dar tal-imputat fl-Isla, fejn instabet mgħarfa maħruqa fil-kamra tas-sodda. Instab u ġie elevat ukoll *mobile phone* minn fuq il-persuna tal-imputat.

Illi permezz tal-imputazzjoni (a), l-imputat jinsab akkużat bir-reat ta' pussess aggravat tad-droga eroina u dan b'referenza għall-jum tat-13 ta' Settembru 2011.

Dwar dan jibda biex jingħad illi minkejja li fix-xhieda tiegħu **PS 891 Oscar Baldacchino** jixhed illi l-każ odjern seħħ nhar il-11 ta' Settembru 2011, u f'punt minnhom jgħid li kien ċert li din kienet id-data li fiha seħħ l-istess każ, għalkemm f'punt ieħor jgħid ukoll illi kien ċert li l-każ ġara f'Settembru 2011 u "*jekk mhux sejjer zball*" u "*sa fejn naf jiena*" fil-11 ta' Settembru[2], jirriżulta mill-bqija tal-provi prodotti u ċioe` mix-xhieda tal-**Ispettur** (illum Supretendent) **Victor**

[1] Ara a fol. 3 tal-proċess.
[2] Ara din ix-xhieda a fol. 8 sa 15 tal-proċess u a fol. 35 sa 38 tal-proċess.

**Aquilina**[3], ta' **WPC 23 Geraldine Buttigieg**[4], ta' **PS 579 Antoine Micallef**[5], ta' **PS 364 David Borg**[6] u ta' **PS 1086 Johann Micallef**[7], illi l-każ fil-fatt seħħ nhar it-13 ta' Settembru 2011. Dan jirriżulta wkoll mit-*tag* annessa ma' Dok. VA 5, esebit mill-Ispettur Victor Aquilina, konsistenti f'*SD card, mobile phone* Nokia u pakkett b'sustanza bajda, dwar liema esebit WPC 23 Geraldine Buttigieg tixhed illi kienet hi li kitbet it-*tag* li kienet mal-istess esebit dakinhar stess tal-arrest tal-istess imputat u li ġġib id-data tat-13 ta' Settembru 2011. Jirriżulta għalhekk sodisfaċentement ippruvat illi l-każ odjern seħħ proprju f'din id-data.

Jirriżulta wkoll mill-atti proċesswali illi fil-mori tax-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, PS 891 Oscar Baldacchino esebixxa flokk iswed, li ġie mmarkat bħala Dok. OB, u borża bi trab kannella, li ġiet immarkata bħala Dok. OB 1. Dwar il-flokk esebit, l-istess PS 891 jixhed illi hekk kif induna bil-pulizija, l-imputat gidem u faqa' ma' sidru l-borża bit-trab suspettat droga li kien jinsab f'idejh u għaldaqstant, il-flokk li kien liebes l-istess imputat ġie elevat ukoll. Fix-xhieda tiegħu l-istess xhud jispjega wkoll illi l-borża bis-sustanza esebita kienet dik li kien fiha t-trab ta' lewn kannella u li l-imputat faqa' fuq il-post.

Jirriżulta wkoll illi fil-mori tax-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-Ispettur Victor Aquilina esebixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-14 ta' Settembru 2011[8], sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta mill-Maġistrat (illum l-Onor. Imħallef) Dr. Audrey Demicoli fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud) vs Roderick Muscat' tat-12 ta' Mejju 2010, mgħarfa maħruqa li ġiet elevata mir-residenza fl-Isla[9], *mobile phone* Nokia u pakkett tar-Riżla[10], *mobile phone* ieħor elevat mir-residenza ta' Ħal Tarxien[11] u *SD card* u *mobile phone* Nokia li ġew elevati minn fuq il-persuna tal-imputat[12]. Mill-verbal tas-seduta tas-7 ta' Mejju 2013, li fiha xehed l-Ispettur Victor Aquilina, fejn ġew elenkati u mmarkati d-dokumenti li huwa esebixxa matul ix-xhieda tiegħu, jirriżulta wkoll illi Dok. VA 5 kien jikkontjeni wkoll 'droga'. Dwar dan ma jingħad xejn mill-Ispettur Aquilina fix-xhieda tiegħu, iżda WPC 23 Geraldine Buttigieg tixhed b'referenza għall-istess dokument VA 5, illi fih kien hemm *mobile phone, SD card* u pakkett bi trab abjad. Irid jingħad ukoll illi għalkemm fix-xhieda tiegħu l-Ispettur Victor Aquilina jgħid illi fil-pussess tiegħu Michael Rizzo kellu miżien diġitali[13], dan baqa' ma ġiex esebit f'dawn il-proċeduri, u iżjed minn hekk ħadd

[3] Ara din ix-xhieda a fol. 16 sa 19 tal-proċess.
[4] Ara din ix-xhieda a fol. 27 sa 34 tal-proċess.
[5] Ara a fol. 90 u 91 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 92 sa 94 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 98 sa 100 tal-proċess.
[8] Ara Dok. VA, a fol. 20 sa 22 tal-proċess.
[9] Esebita bħala Dok. VA 2.
[10] Esebiti bħala Dok. VA 3.
[11] Esebit bħala Dok. VA 4.
[12] Esebiti bħala Dok. VA 5.
[13] Ara a fol. 17 tal-proċess.

mill-uffiċjali tal-pulizija preżenti għat-tfittxijiet in kwistjoni ma xehed dwar dan il-miżien.

Mir-relazzjoni tax-**Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur bħala espert f'dawn il-proċeduri sabiex janalizza l-flokk u s-sustanza esebita[14], jirriżulta illi huwa ngħata *envelope* kannella mmarkat S/B/311/2013 għall-analizi tiegħu, liema *envelope* kien fih is-segwenti:

1) *Envelope* immarkat Dok VA2-VA5 li fih:

   (i) borża tal-plastik trasparenti mmarkata Dok VA2 li fiha karta bil-kliem Data: 13/9/11 Ħin: 1.30pm Elevat/i minn go kexxun tal-kamra tas-sodda go residenza l-Isla fil-presenza ta' Roderick Muscat minn PS364 u PS579 u mgħarfa b'xi tiċpis ta' lewn kannella;

   (ii) *envelope* ta' lewn kannella mmarkat Dok OB1 li fih borża tal-plastik trasparenti li fiha trab kannella u karta bil-kliem Data: 13/0/11 Ħin: 11.00am Elevat/i minn ma' l-art fil-presenza ta' Roderick Muscat minn WPC23 u PS1086.

2) *Envelope* immarkat Dok. OB li fih *evidence bag* bin-numru B000632044 li fiha karta bil-kliem Data 13-09-2011 Ħin 11:00am Elevat/i minn fuq il-persuna fil-prezenza ta' Roderick Muscat minn PS1086 u flokk iswed.

Mir-relazzjoni tal-istess espert, jirriżulta wkoll illi huwa kkonkluda s-segwenti dwar dawn id-dokumenti:

a) Illi fl-estratti meħud mit-trab ta' lewn kannella nstabet is-sustanza Eroina. Il-piż tat-trab kien ta' 2.81 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 30%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

b) Illi fuq *swabs* meħuda minn fuq l-imgħarfa u l-flokk ta' lewn iswed ma nstabitx droga.[15]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok il-Qorti qed tqis bħala inammissibbli l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-14 ta' Settembru 2011, wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema jedd huwa għażel li ma jeżerċitahx, iżda mingħajr id-dritt li jkun assistit minn

[14] Ara d-digriet ta' din il-Qorti, a fol. 7 tal-proċess.
[15] Ara din ir-relazzjoni a fol. 77 *et seq* tal-proċess.

avukat waqt l-istess interrogatorju u dan stante li fiż-żmien mertu tal-każ dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija. Dan qed jingħad fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fir-rigward, inkluż iżda mhux biss, is-sentenzi fl-ismijiet **Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021, **Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll **Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u riċentement **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022). Fl-istqarrija rilaxxjata minnu l-imputat għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti u tnejn mill-imputazzjonijiet ġew addebitati lilu b'referenza għaż-żminijiet ta' qabel id-data li fiha seħħ il-każ odjern proprju u biss fid-dawl ta' dak li l-imputat stqarr fl-istqarrija tiegħu. Għaldaqstant, il-Qorti qed tiskarta l-kontenut tal-istess stqarrija meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu bħala nieqsa minn valur probatorju. Naturalment dan japplika wkoll għal dak li xehed l-Uffiċjal Prosekutur in konnessjoni mal-kontenut tal-istess stqarrija.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-Qorti tqis illi m'hemmx dubbju mix-xhieda tal-uffiċjali tal-pulizija li xehdu f'dan il-każ ossia PS 891 Oscar Baldacchino, WPC 23 Geraldine Buttigieg u PS 1086 Johann Micallef, illi fil-jum in kwistjoni, l-istess imputat kien fil-pussess ta' borża bit-trab kannella, li skont ir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, fih instabet id-droga eroina. Dak li jeħtieġ illi tiddeċiedi dwaru din il-Qorti għalhekk huwa jekk jirriżultax sodisfaċentement ippruvat illi dik id-droga ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tal-imputat.

Jirriżulta mill-provi prodotti, illi dakinhar il-pulizija kienu qed isegwu lil ċertu Michael Rizzo, illi huma rawh ħiereġ mid-dar tiegħu fil-Fgura, dieħel f'vettura u jsuq lejn daħla fejn kien hemm numru ta' garaxxijiet.

Mix-xhieda ta' PS 891 Oscar Baldacchino jirriżulta illi hekk kif Rizzo niżel, huma daħlu warajh u rawh jagħmel kuntatt mal-imputat odjern, li kif intqal iżjed 'il fuq, f'idejh kellu borża bid-droga eroina, u hekk kif ra lill-pulizija, dan gidem il-borża, faqagħha ma' sidru u remiha fl-art. In kontro-eżami, mistoqsi jekk kienx ra lil Rizzo jgħaddi xi ħaġa lill-imputat, huwa jwieġeb fin-negattiv u jgħid illi huwa ra l-borża f'idejn l-imputat. In oltre mistoqsi jekk kienx sar xi diskors qabel seħħ dan kollu, huwa wkoll iwieġeb fin-negattiv u jżid jgħid illi "*dan kollox istantanju. Michael kien ghadu kif dahal ftit sekondi qabilna, dhalna mill-ewwel u l-borza rajnieha ghand Roderick*".[16]

---

[16] Ara a fol. 11 tal-proċess.

Mix-xhieda ta' WPC 23 Geraldine Buttigieg jirriżulta wkoll illi hekk kif il-pulizija daħlu wara Rizzo fid-daħla li tagħti għall-garaxxijiet, l-imputat odjern gidem borża kontenenti t-trab, li kellu f'idejh u remiha fl-art. In kontro-eżami, meta ġie ssuġġerit lilha illi kien Michael Rizzo illi kellu l-borża f'idejh, hija twieġeb fin-negattiv u żżid tgħid illi "*ma jistax ikun. Ghax ahna kif morna fil-garaxx lanqas biss ghamlu kuntatt. Morna mill-ewwel fuqhom.*"[17] Tgħid in oltre illi huma daħlu eżatt wara Rizzo u illi hekk kif dan daħal fid-daħla tal-garaxxijiet, huma mill-ewwel marru warajh. Mistoqsija kif setgħet tara x'kien qed jagħmel l-imputat jekk kienet tinsab wara Rizzo, tgħid ukoll illi Rizzo u l-imputat kienu għadhom bogħod minn xulxin u illi l-imputat kien qiegħed quddiem il-garaxx. PS 364 David Borg ukoll jikkonferma illi l-imputat kien jinsab quddiem il-garaxx tiegħu u PS 1086 Johann Micallef iżid illi l-imputat kien jinsab fil-*courtyard* tal-garaxxijiet u mhux f'garaxx. WPC 23 Geraldine Buttigieg tixhed ukoll in kontro-eżami illi hija kienet xi tliet metri l-bogħod mill-imputat, li kien quddiemha. X'ħin rahom ġejjin, huwa gidem il-borża u remiha. Dak il-ħin kienet xi żewġ metri l-bogħod minnu. L-imputat u Rizzo kienu viċin xulxin, f'distanza ta' ftit iżjed minn metru. Dwar dan, PS 1086 Johann Micallef jixhed illi hekk kif daħlu fil-fetħa tal-garaxxijiet, huwa seta' jara lil Rizzo dahru lejhom u lill-imputat iħares lejhom.

Il-Qorti tqis illi x-xhieda ta' PS 891 Oscar Baldacchino u b'mod partikolari dik ta' WPC 23 Geraldine Buttigieg in kontro-eżami ma tħallix dubju dwar l-immedjatezza tal-azzjoni tal-pulizija li daħlu wara Michael Rizzo minnufih hekk kif l-istess Rizzo daħal fil-kumpless tal-garaxxijiet in kwistjoni, fejn hemmhekk kien hemm ukoll l-imputat odjern. Għalkemm PS 364 David Borg fix-xhieda tiegħu jgħid illi Rizzo għamel kuntatt mal-imputat kif daħal fil-post in kwistjoni, u dan fis-sens illi skont hu "*ahna rajniehom qed jitkellmu tipo*"[18], WPC 23 kienet ferm ċara dwar dan u tgħid illi kif daħlu fuqhom, Rizzo u l-imputat lanqas biss għamlu kuntatt. B'dan il-Qorti qed tifhem illi Rizzo u l-imputat ma laħqux għamlu kuntatt fiżiku. In oltre kif ingħad iżjed 'il fuq, l-istess WPC 23 tgħid ukoll illi kif daħlu wara Rizzo, Rizzo kien għadu l-bogħod mill-imputat u għalhekk setgħet teskludi illi l-borża li hija rat f'id l-imputat kienet f'xi ħin f'idejn Rizzo.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa evidenti illi l-azzjoni tal-pulizija kienet waħda instantaneja b'tali mod illi din il-Qorti tista' teskludi illi f'xi ħin, sakemm daħlu l-istess pulizija, il-borża kienet f'idejn Rizzo u illi dan sussegwentement għaddiha lill-imputat odjern. Anke jekk l-imputat u Rizzo laħqu tkellmu sakemm daħlu l-pulizija, jirriżulta ċar mix-xhieda ta' WPC 23 illi ma setax kien il-każ illi Rizzo laħaq għadda d-droga lill-istess imputat. Il-Qorti qed tqis ukoll f'dan il-kuntest illi Rizzo ħareġ minn daru u mar jiltaqa' mal-imputat f'post imwarrab, fejn

[17] Ara a fol. 29 tal-proċess.
[18] A fol. 93 tal-proċess.

hemmhekk jistennih kien hemm l-istess imputat b'borża eroina f'idu. Illi l-imputat kien qed iżomm din il-borża f'idu huwa ċar mhux biss mix-xhieda tal-uffiċjali tal-pulizija, iżda anke mill-fatt illi hekk kif induna bil-presenza tagħhom, huwa kien pront gidem din il-borża sabiex iċarratha u remiha fl-art. Li kieku l-imputat kien bi ħsiebu jagħmel użu mill-eroina hu stess, ma kienx ikun hemm il-ħtieġa li jżomm il-borża f'idu fil-presenza ta' Rizzo u li kieku l-imputat kellu l-ħsieb li jaqsam din id-droga ma' Rizzo, lanqas ma kien se joqgħod jistennih fid-daħla tal-garaxxijiet bid-droga f'idejh. F'dan ir-rigward, il-Qorti qed tqis ukoll illi fil-garaxx tal-imputat li fih saret tfittxija mill-pulizija preżenti, jew fil-pussess tiegħu, ma nstab u ma ġie elevat xejn in konnessjoni mal-użu tad-droga eroina. Li kieku Rizzo u l-imputat iltaqgħu għal xi raġuni oħra li ma kinitx tinvolvi d-droga, ma kienx ikun hemm il-ħtieġa li l-imputat jistenna lil Rizzo fid-daħla tal-garaxxijiet proprju bid-droga f'idejh. Iċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux għalhekk ħlief iwasslu lill-Qorti għall-konklużjoni illi l-imputat u Rizzo ltaqgħu hemmhekk sabiex l-istess imputat jgħaddi d-droga li nstabet fil-pussess tiegħu lil Rizzo, li jfisser għalhekk illi jirriżulta ppruvat, fil-grad rikjest mil-liġi, illi d-droga eroina in kwistjoni ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tal-imputat.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni (a) tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

Permezz tal-imputazzjoni (b) imbagħad l-imputat jinsab akkużat bir-reat ta' pussess tad-droga eroina u dan b'referenza għat-13 ta' Settembru 2011 u ż-żmenijiet ta' qabel din id-data. M'hemmx dubbju illi fit-13 ta' Settembru 2011, l-imputat kien fil-pussess tad-droga eroina. Madankollu, la darba l-imputat diġa` nstab ħati tar-reat ta' pussess tad-droga eroina f'ċirkostanzi li juru li din ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu, il-Qorti ser issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni in kwantu din tirreferi għad-data msemmija, filwaqt illi teroga piena biss fir-rigward tal-imputazzjoni (a).

In kwantu l-imputazzjoni odjerna tirreferi wkoll għaż-żminijiet ta' qabel din id-data, skartata l-istqarrija tal-imputat għar-raġunijiet fuq indikati, din ma tirriżultax ippruvata. Veru illi ġewwa r-residenza tal-imputat fl-Isla nstabet mgħarfa maħruqa, li ġeneralment tiġi assoċjata ma' użu tad-droga eroina, iżda mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirriżulta illi ma nstabitx droga fuq l-istess mgħarfa.

Permezz tal-imputazzjoni (ċ) l-imputat qed jiġi akkużat ukoll bil-pussess tad-droga kokaina u dan ukoll b'referenza għat-13 ta' Settembru 2011 u ż-żminijiet ta' qabel din id-data. Fir-rigward jingħad illi mill-verbal tas-seduta tas-7 ta' Mejju 2013 jirriżulta illi l-Ispettur Aquilina esebixxa sustanza bħala formanti parti minn Dok. VA 5 – li fix-xhieda tiegħu la jirreferi għaliha u wisq inqas jgħid minn fejn ġiet elevata – u WPC 23 Geraldine Buttigieg tirreferi għal din is-

sustanza fix-xhieda tagħha billi filwaqt illi tirreferi għal Dok. VA 5, tgħid illi dan fih pakkett bi trab abjad, apparti *mobile phone* u *SD card*, kif ukoll illi d-dokument ġie *tagged* minnha u illi l-*mobile phone* instab fil-pussess tal-imputat. Ħadd iżjed mill-uffiċjali tal-pulizija ma jirreferi għal dan il-pakkett bi trab abjad fix-xhieda tiegħu. In oltre jidher ukoll illi għalkemm ix-Xjenzat Godwin Sammut ġie inkarigat minn din il-Qorti sabiex janalizza s-sustanza esebita, inkluż ukoll għalhekk is-sustanzi formanti parti minn Dok. VA 5, din baqgħet ma ġietx mgħoddija lilu għall-analizi tiegħu, tant illi għakemm fir-relazzjoni tiegħu jsemmi *envelope* immarkat Dok VA2-VA5, sussegwentement jagħmel referenza biss għal Dok. VA 2 li kien jikkontjeni l-imgħarfa b'xi tiċpis ta' lewn kannella[19] u dan in linea mal-verbal tas-seduta tas-7 ta' Mejju 2013[20] li jindika illi Dok. VA 2 jikkonsisti f'mgħarfa maħruqa. Imbagħad mir-relazzjoni tal-espert **Dr. Steven Farrugia Sacco**, maħtur minn din il-Qorti sabiex janalizza u jniżżel il-kontenut tal-*mobile phones* esebiti – ossia dawk formanti parti minn Dok. VA 3, Dok. VA 4 u Dok. VA 5[21], jirriżulta wkoll illi fin-notamenti tiegħu dwar Dok. VA 5 (li erronjement huwa jirreferi għalih bħala Dok. UA5) illi dan kien jikkontjeni wkoll, apparti l-*mobile phone* eżaminat minnu, *SD Memory Card* u "*a small plastic bag containing a substance which looks like white powder*"[22]. Jidher għalhekk illi dan l-esebit qatt ma għadda għand ix-Xjenzat Godwin Sammut għall-analizi tiegħu, bir-riżultat illi dan baqa' ma ġiex analizzat. Fiċ-ċirkostanzi, u skartata l-istqarrija tal-imputat, din l-imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata u dan la fir-rigward tat-13 ta' Settembru 2011 u lanqas fiż-żminijiet ta' qabel din id-data.

Permezz tal-<u>imputazzjoni (d)</u>, l-imputat jinsab akkużat ukoll talli kkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija, mogħtija lilu minn din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli nhar it-12 ta' Mejju 2010. Fir-rigward il-Prosekuzzjoni esebiet kopja ta' sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud) vs Roderick Muscat' tat-12 ta' Mejju 2010. Din il-kopja mhijiex kopja legali jew vera kopja tas-sentenza in kwistjoni u dan għaliex għalkemm fuq kull paġna tad-dokument hemm timbru li jaqra 'Vera Kopja Fotostatika ta' l-Oriġinal', dan ma ġiex iffirmat minn Deputat Reġistratur.[23] Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma ġietx sodisfaċentement ippruvata.

Permezz tal-<u>imputazzjoni (e)</u>, imbagħad, l-imputat ġie akkużat bl-addebitu tar-reċidiva u dan fid-dawl ta' sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Maġistrat (illum l-Onor. Imħallef) Dr. Consuelo Scerri Herrera tal-14 ta' Diċembru 2009. Madankollu, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma esebietx kopja

[19] Ara a fol. 79 tal-proċess.
[20] Ara a fol. 7 tal-proċess.
[21] Ara a fol. 7 tal-proċess.
[22] Ara a fol. 65 tal-proċess.
[23] Ara a fol. 23 *et seq* tal-proċess.

formali ta' din is-sentenza. Kif ingħad fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abela** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Settembru 2004, dwar il-prova tar-reċidiva:

> "Għalkemm il-fedina penali tista' tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali biex ikunu jistgħu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-reċidiva dejjem tinneċessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni preċedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi preċedenti kif ukoll billi jiġi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jagħtu l-konnotati meħtieġa tal-persuna kkundannata) jew minn eżami tal-atti tal-kawża ta' dik is- sentenza jew ta' dawk is-sentenzi preċedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu għall-persuna li tkun qed tiġi akkużata bir-reċidiva."

Għaldaqstant, din l-imputazzjoni ma tirriżultax sodifaċentement ippruvata.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Illi għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat kif aġġornata sa Mejju tas-sena 2018, mil-liema jirriżulta illi l-imputat instab ħati ta' numru ta' reati fosthom sewqan mingħajr liċenzja u polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni (f'żewġ okkażjonijiet), serq aggravat, kompliċita` f'delitt, ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest u pussess tar-raża tal-*cannabis.* Mill-istess fedina penali jirriżulta wkoll illi l-aħħar reat jirrisali għas-sena 2012.

Tqis ukoll in-natura tar-reat li tiegħu qed jintab ħati l-istess imputat, l-ammont ta' droga eroina li ġie elevat, kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ.

Tqis in oltre illi dan il-każ jirrisali għas-sena 2011, u illi għalkemm id-dewmien fil-proċeduri ma kienx dovut fl-intier tiegħu għall-imputat, biss huwa wkoll ikkontribwixxa għal dan id-dewmien billi ma deherx diversi drabi minkejja li kien debitament notifikat u kien hemm drabi wkoll fejn intalab differiment mill-imputat jew mid-difiża.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat **Rodrick Muscat** mhux ħati tal-imputazzjoni (b) in kwantu tirreferi għaż-żminijiet ta' qabel it-13 ta' Settembru 2011, u tal-imputazzjonijiet (ċ), (d) u

(e) u qed tilliberah minnhom, filwaqt illi qed issibu ħati tal-imputazzjonijiet (a) u (b) u fir-rigward tal-imputazzjoni (b) in kwantu din tirreferi biss għall-jum tat-13 ta' Settembru 2011 u qed tikkundannah għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva u multa ta' tmien mitt ewro (€800), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit f'piena ta' priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali qed tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti f'dawn il-proċeduri, ossia s-somma ta' mija, ħamsa u tmenin ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€185.79), rappreżentanti l-ispejjeż tar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien tliet (3) xhur mil-lum.[24]

Tordna r-rilaxx tat-tlett *mobile phones* u l-*SD card* formanti parti minn Dok. VA 3, Dok. VA 4 u Dok. VA 5, il-karta tar-Riżla formanti parti minn Dok. VA 3 u l-flokk iswed immarkat bħala Dok. OB favur il-ħati, filwaqt illi tordna d-distruzzjoni tas-sustanza u l-oġġetti esebiti bħala Dok. OB 1 u Dok. VA 2 u s-sustanza formanti parti minn Dok. VA 5 hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[24] Stante illi r-relazzjoni tal-espert Dr. Steven Farrugia Sacco ma nċidiet bl-ebda mod fuq il-ħtija tal-imputat u dan stante illi mill-kontenut tal-*mobile phones* esebiti in atti ma rriżulta xejn ta' relevanza għall-każ odjern, il-Qorti mhjiex tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' dan l-espert.